MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 615/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**MARIANO D'AMATO**

**(ID: 264787M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARIANO D'AMATO,** ta' 25 sena, iben Joseph u Carmen nee' Zerafa imwieled Pieta' fl-10 ta' Gunju, 1987 u residenti 7, Flat 1 Rokku, Triq il-Munqar, Zurrieq, detenur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 264787(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-4 ta' Lulju 2010 ghal habta ta' 21.45hrs fi Triq Hal-Far Birzebbugia, waqt li kien qed isuq il-vettura HAP 559:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Nicole Zahra.

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna hsara involontarja fuq vettura LAD 224 ghad-dannu ta' Peter Zahra.

3. Saq il-vettura HAP 559 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

4. Saq il-vettura HAP 559 b'velocita' eccessiva

5. Biddel il-magna ta' vettura HAP 559 minghajr l-approvazzjoni necessarja tal-Awtorita' ta' Trasport Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat id-dokumenti ezebiti fosthom l-att mill-estratt tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. AM1 u l-fedina penali tieghu mmarkata bhala Dok. AM 2.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u ezaminat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat.

**Robert Bugeja** xehed fit-13 ta' Lulju, 2012 ghan-nom tar-registartur tal-Qrati fejn esebixxa nota ta' l-Avukat Generali flimkien ma' Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti l-allura Magistrat Jacqueline Padovani, liema Process Verbal jitratta dwar persuna fil-periklu tal-mewt f'accident stradali gewwa Hal Far, fl-4 ta' Lulju 2010. Din in-Nota ta' l-Avukat Generali flimkien man-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Process Verbal gew immarkati bhala **DOK RB1**.

**Spettur Arthur Mercieca** xehed fit-13 ta' Lulju, 2012. Spjega illi nhar l-4 ta' Lulju 2010 kien gie nfurmat illi kien sehh incident stradali gewwa Hal Far Road, Birzebbugia. Jghid illi dan kien ghal habta ta' 9.45 ta' fil-ghaxija u li fih kienu weggghu xi nies. Il-pulizija kienu marru mmedjatament fuq il-post u sabu li kienet sehhet kolluzzjoni bejn vettura LAD 224 ta' l-ghamla Maruti Gypsy illi kienet misjuqa minn Peter Zahra u Hyundai Accent HAP 559 illi kienet misjuqa minn l-imputat Mariano D'Amato.

Jghid illi fuq il-post gie nnutat li l-vetturi kienu garrbu hsarat estensivi u fil-fatt mill-isptar kienu gew infurmati illi certu Nicole Zahra ta' ghaxar (10) snin illi kienet instabet ma l-art mitlufa minn sensiha wara li sehh dan l-incident u kienet ittiehdet l-isptar premezz ta' ambulanza, kienet tinsab fil-periklu tal-mewt.

Jghid illi sussegwentement nhar is-16 ta' Lulju ta' 2010 kienu gew nfurmati mill-isptar Mater Dei illi Nicole Zahra kienet tilfet hajjitha eventwalment u fil-fatt kienet saret l-awtopsja nhar id-19 ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn Nicole Zahra kien giet iccertifikata minn Profs. Camilleri ili kienet mietet kawza ta' *fractured scull* u *intracranial hemorrhage*.

Jghid illi hu kien informa l-allura Magistrat tal-Ghassa, Dr. Jacqueline Padovani, illi hatret diversi esperti fosthom lill-perit Richard Aquilina, l-espert tekniku Mario Buttigieg, l-espert tekniku Joseph Zammit u lil SOCO's li kienu marru fuq il-post ukoll u ffotografaw ix-xena. Jghid illi saru l-ezamijiet necessarji fuq il-vetturi in kwistjoni u sar anke skizz tal-post mill-perit tekniku u ovvjament dawn jinsabu ezebiti fir-relazzjoni ta' l-esperti.

Jghid illi wahda mill-konkluzjonijiet tal-perit tekniku Mario Buttigieg kienet li rrizultalu illi l-vettura illi kienet qed tinstaq mill-imputat li qieghed jaghraf prezenti fl-Awla Mariano D'Amato kienet qed tinstaq b'velocita' ta' madwar mija u hamsin kilometru fis-siegha u anka sahansitra kien ikkonstata li din il-vettura kellha l-magna mibdula minghajr l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2012 l-ispettur Arthur Mercieca esebixxa certifikat tal-mewt ta' l-imsemmija Nicole Zahra li gie markat bhala **DOK. SNG1.**

**PS 1312 Hadrian Sultana** xehed fl-24 ta' Settembru, 2012 u esebixxa kopja tal-okkorenza li hi ffirmata minnu bhala **DOK. HS1.** Din hija rapport tal-incident li ghamel hu stess. Jghid illi hu kien mar fuq il-post, nhar l-4 ta' Lulju 2010, fi triq Hal-Far, Birzebbugia u sab kollizjoni bejn il-vettura HAP 559 tal-marka Hyundai u LAD 224 tal-marka Maruti. Jghid illi kien hemm persuna li kellha griehi ta' natura gravi, u ghalhekk kien informa lill-ispettur Mercieca, u kienet saret inkjesta fuq il-post.

Jghid illi hu ghandu mnizzel li kienu l-ghaxra nieqes kwart ta' fil-ghodu x'hin kien gie nfurmat bl-incident. Izda fil-verita' kienu l-ghaxra nieqes kwart ta' bil-lejl.

Jghid illi fuq il-post kien hemm il-vettura Maruti li kienet imdahla go *crash barrier*, kien hemm il-vettura l-ohra, il-Hyundai kienet iktar lura minnha u mill-investigazzjoni li ghamel u mill-verzjonijiet li qalulu l-partijiet; il-vettura Maruti harget ghal go Hal-far Road minn go *side road* waqt li l-vettura l-ohra kienet gejja minn triq principali, min-naha ta' wara u l-vettura Hyundai wara ma lahqitx waqfet u baqghet diehla go wara tal-Maruti.

Jghid illi fir-rapport ghandu mnizzel x'tip ta' hsarat kien hemm. Il-vettura Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni HAP 559 kellha hsarat fir-*right hand side front door,* is-saqaf, il-*windscreen,* il-*mud guard* tan-naha ta' quddiem, il-*mud guard* tan-naha tax-xellug u l-bieba tan-naha xellug. Filwaqt illi l-Maruti bin-numru ta' registrazzjoni LAD 224 kellha hsarat estensivi wkoll. Kellha l-bumper ta' wara, kellha n-naha tax-xellug tan-naha ta' wara, in-naha tal-lemin tan-naha ta' wara, il-bieba tax-xellug, il-bumper ta' quddiem, in-naha tal-lemin tan-naha ta' quddiem u l-bieba tan-naha tal-lemin ukoll.

Jghid illi l-ewwel verzjonijiet hadhom fuq il-post. L-imputat, ix-xufier tal-vettura numru ta' registrazzjoni HAP 559 dak il-hin kien qallu li hu kien sejjer minn Birzebbugia ghal barra fejn hariglu wiehed minn go sqaq. Din kienet il-verzjoni tieghu u l-verzjoni tax-xufier tal-vettura numru ta' registrazzjoni LAD 224 qallu li kienu qeghdin f'Wied il-Qoton, telghu biex johorgu ghal Hal Far Road, waqaf, ra d-dawl tal-karozza l-ohra boghod, hareg, sema' hafna hsejjes, kien bis-*second gear*, qala' daqqa u spicca jdur. Fil-Maruti Jeep kienu hu u l-mara fuq quddiem u t-tifla fuq wara.

Jghid illi t-tifla li kienet imsemmija li kienet fil-Maruti kienet qieghda mal-art u kienet mitlufa minn sensieha, kien hemm ix-xufier ta' Hyundai li kellu xi demm ma' wiccu u beda jikkomplejnja b'xi ugiegh, imma ma jafx kienx hemm xi partijiet ohra mwegghin. Jghid illi mbaghad kienet giet l-ambulanza, kien hemm persuna ohra Dorianne Farrugia li kienet qieghda fil-Hyundai, li kienet imweggha wkoll ghax kellha *slight injuries*.

Kien hemm persuna ohra certu Dorian Richard Bugelli li kien qieghed fil-Hyundai li wkoll kellu *slight injuries* apparti x-xufier Mariano D'Amato kif gja stqarr.

Jghid illi l-Maruti min fejn kien hareg il-*crash barrier* kien l-istess naha fejn kien hemm il-bokka tal-isqaq. It-triq hija l-isfel u l-fuq. Jghid illi l-isketch m'ghamlux ghax meta jkun hemm inkjesta jhalli f'idejn il-Perit tal-Qorti, biex ma jidholx fuq ix-xoghol ta' haddiehor.

Di memorja jghid li ma jistax jiftakar fejn kienet il-vettura ezatt. Jiftakar illi l-korozza Maruti kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jghid illi jekk mhux sejjer zball l-incident sehh fuq in-naha tad-direzzjoni minn naha ta' Birzebbugia hiereg il-barra imma mhux cert dwar dan.

Jghid illi l-hsarat li kienu garbu l-karozzi kienu estenzivi. Id-daqqa kienet tidher li kienet kbira u li ma kienx incident zghir. Jghid illi fl-okkorenza ghandu mnizzel il-verzjoni tax-xufiera.

Jghid illi tal-Hyundai kull ma qallu kien li kienu sejrin Birzebbugia u hariglu wiehed min go sqaq. Mistoqsi mill-avukat tal-Parte Civile, jekk wara incident kbir bhal dak saqsihx iktar domandi jghid, illi hu kull ma jsaqsi ghal verzjoni u ma jaghmilx aktar domandi minn hekk.

Jghid illi lill-pesuna waqt li kien qieghed ikellimha qallu li kellu wgiegh f'sidru imma ma xammlux riha ta' alkohol. Izda hu kien qallhom li kien

xorob xi ftit qabel. Jghid illi ma kellux suspett illi kien xurban u beda jkellmu normali. Kien qallhom li kien xorob wara nofsinhar gewwa Birzebbugia.

Jghid illi din mhix imnizzla u li kieku kien xurban, kien jaghmillu t-test. Izda f'dak il-hin dan ma derhlux li kien xurban. Jghid illi wara li jikteb il-verzjoni jkun hemm diskors izjed izda dan ma jiktbux.

Jghid illi wara li hadlu l-verzjoni, lahqu gew il-familjari tieghu sakemm giet l-ambulanza u bdew jitkellmu x'gara u ma garax. Jghid li kien rah Birzebbugia wara nofsinhar u jaf li ha drink, pero' ma hassx li kellu jikteb x'gara wara nofsinhar.

In kontro-ezami jghid illi l-Hyundai kienet miexja minn Hal-Far Road tiela' lejn id-direzzjoni minn Birzebbugia sejra lejn il-Gudja. Jghid illi l-Maruti raha dak il-hin waqt l-incident. Jghid illi s-*seats* ta' dan il-Maruti Jeep kienu *parallel along the side* u mhux wara xulxin izda faccata ta' xulxin. Jikkonferma wkoll li dawn is-*seats* m'ghandhomx *seatbelts.*

Muri sketch maghmul mill-Perit Richard Aquilina a fol 12 tal-process immarkat bhala **DOK RB1** u kkonferma li dan huwa sketch li jirraporta l-incident ta' dakinhar.

Jghid illi l-isqaq imsemmi m'ghandux isem imma l-*area* hija maghrufa bhala Wied il-Qoton. Jghid illi qieghed jgharaf il-vettura mmarkata bhala

A bhala l-vettura Maruti u l-Vettura mmarkata bhala B hija l-vettura Hyundai.

Jghid illi l-*break marks* jibdew min-nofs il-linja tal-linji kontinwi u jaqsmu ghan-naha l-ohra tat-triq.

Jghid illi minn fejn hareg is-sur Zahra jigifieri go l-isqaq, hija ftit ghat-telgha u hemm ukoll sigra. Jghid illi hemm certu distanza imma mbaghad ma tibqax tara.

**Mario Buttigieg** xehed fil-5 ta' Dicembru, 2012 u kkonferma li huwa kien gie nominat flimkien mal-espert tekniku Joseph Zammit u gharaf ir-relazzjoni kongunta taghha pprezentata minnhom quddiem l-allura Magistrat Inkwirenti u tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta RB1 a fol 38 **et seq** tal-proces verbal fejn il-magistrat inkwirenti fl-4 ta' Lulju 2010 kienet hatret kemm lilu u kemm lil Joseph Zammit sabiex jikkonstataw fuq l-incident tat-traffiku li kien sehh gewwa Hal Far, Triq Hal Far, Birzebbugia.

Jghid illi fl-opinjoni tieghu t-triq principali hija dik ta' Hal Far. Mistoqsi in kontro-ezami jekk il-fetha ta' l-isqaq kellhiex *stop sign* jghid illi ma jiftakarx. Jghid illi minn fejn hareg is-sur Zahra kellu vizjoni twila u seta' jara vettura gejja minn hemm. Minn dak li kien qal is-sur Zahra fix-xhieda tieghu fi stadju tal-inkjesta jghid li dan kien qallu li ra vettura gejja mill-boghod. Fir-rigward is-*seatbelts* fil-Maruti Jeep, ma kienx hemm, u l-passiggiera li korriet kienet bil-qieghda fuq is-*seats* ta' wara.

Jghid illi d-daqqa fil-vettura Maruti Jeep kienet fuq wara. Infatti l-*bumper* ta' quddiem tal-Hyundai wehel mal-*bumper* ta' wara tal-Maruti. Anke r-roti tat-tfal li kien hemm fuq wara tal-Maruti tkissru bl-istess impatt. Jghid illi l-impatt kien wiehed vjolenti u b'sahhtu.

Jghid illi z-zewg vetturi spiccaw fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ma jistax jghid jekk tal-Maruti naqqasx l-speed tieghu. Jaf li kkonkluda li bid-daqqa li qalghat il-Maruti din spiccat imwahhla mal-*crash barrier* li hemm fuq in-naha tal-lemin tat-triq, waqt li l-Hyundai daret u spiccat fin-nofs tal-karreggjata. Ikkonferma illi l-*break marks* bdew fuq in-naha tax-xellug u komplew fuq il-karreggjata tal-lemin.

Jghid illi meta s-sewwieq tal-Hyundai beda jibbrejkja kien ghadu fuq in-naha sewwa tat-triq u baqa' jibbrejkja sakemm sehhet il-habta fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Illi minn ezami tar-relazzjoni taghhom jirrizulta s-segwenti dwar id-dinamika tal-incident:-

1. Illi l-incident allegatament sehh meta' l-vettura li kienet qed tigi misjuqa minn Mariano D'Amato ghal xi raguni qalbet il-karregjata u baqghet diehla fil-vettura li kienet qed tigi misjuqa minn Peter Zahra. Illi dak il-hin il-vettura ta' Zahra kienet ghadha kemm

harget minn Wied il-Qoton izda kienet fi-karregjata tan-naha tal-lemin, il-vettura HAP 559 baqghet diehla fil-vettura l-ohra.

2. Illi rrizulta li s-sewwieqa kienu qed isuqu l-vetturi taghhom fi triq Hal-Far B’Bugia meta Peter Zahra li kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni LAD 224 hareg minn go triq sekondarja waqt li l-imputat li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Hyundai ghal xi raguni qaleb il-kareggjata u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Illi b’tali konsegwenza sehh l-allegat incident.
3. Illi hekk kif Zahra hareg minn go triq sekondarja ghal gol-karreggjata l-imputat ma kellux cans sabiex jieqaf meta ra l-vettura ta’ Zahra hierga mit-triq tal-genb, ghaldaqstant ma setghax jevita l-incident.

Dwar il-hsarat materjali li gew kagunati f’dan l-incident jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi l-hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai numru ta’ registrazzjoni HAP 559 kienu estensivi u ghalhekk il-vettura giet dikjarata bhala ‘*beyond economical repair’* u bhala *wreck value* giet stmata li tiswa madwar hames mitt ewro (€500).

2. Illi l-hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Maruti Jeep numru ta’ registrazzjoni LAD 224 kienu estensivi u ghalhekk il-vettura giet dikjarata bhala ‘*beyond economical repair’* u li m’ghandha l-ebda valur bhala *wreck*.

**Perit AIC Richard Aquilina** xehed fil-5 ta' Dicembru, 2012 u gharaf ir-relazzjoni tieghu ezebita fl-atti tal-inkjesta Dok. RB1 a **fol 8** u kkonferma l-kontenut taghha. Ikkonferma illi f'din ir-relazzjoni hemm pjanta a fol 12 li turi l-pozizzjoni tal-vetturi u affarijiet ohra li nstabu waqt l-access. Jghid illi kien hemm *break mark* li kien twil circa tletin (30) jew hamsa u tletin (35) metru u iehor iqsar hdejh.

**Stephen Cachia** xehed fl-10 ta' Jannar, 2013 in rapprezentanza ta' Transport Malta. Jghid illi gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAP 559 u kif ukoll fuq il-vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni LAD 224 u appuntu fuq min kienu rregistrati fl-4 ta' Lulju 2010. Jghid illi mir-ricerka li ghamel jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAD 224 hija Maruti Gipsy ta' kulur ahmar. Din il-vettura hija registrata fuq Peter Zahra u ilha hekk registrata mis-27 ta' Settembru 1999 u l-vettura l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni HAP 559 hija Hyundai Accent ta' kulur ahdar registrata fuq Joseph D'Amato u ilha hekk registrata mis-16 ta' Settembru 1998. Huwa pprezenta d-dokumentazzjoni li ghadu kif xehed fuqha u din giet immarkata bhala **DOK. SC1.**

Mistoqsi jekk id-dokumentazzjoni li esebixxa ghandhiex dettalji dwar il-magna wiegeb fl-affermattiv u tenna li d-dettalji tal-magna jinsabu fil-parti t'isfel tad-dokument.

**Dorianne Farrugia** xehdet fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine tal-investigazzjoni u x-xhieda taghha tinsab inserita fir-relazzjoni tal-esperti teknici Joseph Zammit u PL Mario Buttigieg a fol. 50 tal-process verbal immarkat bhala Dok MBZ.

Tghid li fl-4 ta' Lulju 2010 Dorian Bugelli mar ghandha u wara marru ghandu fejn damu hemm sas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.) u wara nizlu Wied iz-Zurrieq fil-lokal maghruf bhala Deep Bar fejn iltaqghu mal-imputat odjern. Tghid illi waqt li kienu fil-bar l-imputat xtara zewg *drinks* zgur ghalkemm x'kien xorob ma tiftakarx ghalkemm tghid li kien xorb alkoholiku. Qalet illi damu hemm sat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30 p.m.) u wara nizlu lejn B'Bugia jwasslu xi tfajla li ma kinitx taf min hi. Hemmhekk B'Bugia tghid li marru go bar mgharuf bl-isem Envy Bar u l-imputat ha zewg *drinks* ohra. Wara ddecidew li jmorru lejn il-Qrendi ghaliex kien hemm il-festa u hija rikbet fuq wara tal-karozza. Tghid li *seat belt* ma uzatx. Tghid li appena kienu sejrin minn Hal Far ftit qabel l-incident hija kienet qed tibghat SMS minn fuq il-mobajl taghha u ghalhekk ma tatx kaz b'kemm kien ghaddej l-imputat. Tghid li l-istereo kien mixghul pero' mhux b'volum gholi. Tghid li semghet lil Dorian jghid lill-imputat 'ara ha johroglok' izda baqghet tibghat l-SMS. Appena spiccat tibghat l-SMS gholliet rasha u rat il-wara tal-Maruti Jeep u taf li habtu go fiha. Tghid li hija stordiet u taf li l-imputat fetah il-canvas tal-Jeep u hargu xi nies minnha.

Illi fl-10 ta' Jannar, 2013 ix-xhud regghet xehdet pero' din id-darba fil-kumpilazzjoni u rrepetiet dak li kienet qalet fl-atti tal-inkjesta salv li indikat li l-messagg li kienet qed tibghat kien ghal missierha. Tispjega

wkoll li kienet semghet lil Dorian Bugelli jghid li kienet hierga karozza minn fuq *stop sign* izda hi baqghat wiccha l-isfel. Tghid izda li wara li gholliet rasha rat karozza hamra quddiemhom u ghalqet ghajneha.

Tghid li bhala *speed* tal-vettura ma tiftakarx izda ma kienetx ghaddejja bil-mod hafna. Tghid illi hi ma ssuqx u ghandha dsatax (19)-il sena. Tghid li qabel l-incident kienu gejjin minn Birzebbugia u qabel kienu l-Envy Bar, jiehdu drink. Tghid illi ma tiftakarx kemm u x'kien qieghed jixrob l-imputat. Izda tiftakar li kien qieghed jixrob xorb alkoholiku.

**Dorian Richard Bugelli** xehed fl-atti tal-inkjesta u kkonferma dak kollu li kienet qalet it-tfajla tieghu Dorianne Farrugia. Jispjega illi huwa kien rikeb fuq quddiem tal-vettura misjuqa minn l-imputat u Dorianne kienet fuq wara. Jghid li appena kienu qabzu n-nizla fi Triq Hal Far B'Bugia ra vettura ta' kulur ahmar tal-ghamla Jeep hierga minn side street ghal gol-main road. Jispjega illi s-sewwieq Zahra hareg bicca, saq fil-karregjata waqaf u rega' waqaf. Jghid illi dak il-hin is-sewwieq tal-Jeep mar fuq il-karreggjata taghhom. Fil-pront l-imputat gibed lejn il-lemin tieghu waqt li s-sewwieq l-iehor gibed ukoll il-barra fejn sehhet il-habta fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Jghid li waqt li kienu ghaddejin minn din it-triq la kienu mixjin bil-mod u lanqas b'sahha pero' kien ghaddej aktar minn tmenin kilometru fis-siegha. Jghid illi mill-Jeep hargu hames min-nies u t-tifla jghid li harigha s-sewwieq.

Jghid li huwa habib tal-imputat u jaf li ftit qabel l-incident kien biddel il-magna tal-vettura minn dik originali ghal magna tal-erbatax jew sittax il-cilindrat pero' mhux cert. Jghid li kien l-imputat stess li kien qallu dan.

Jghid li qabel l-incident l-imputat kien ghaddej b’sahtu. Jghid li appena ra lis-sewweiq hiereg minn side road gibidlu attenzjoni u qallu sabiex joqghod attent ghaliex jaf li ma kienx ser izomm f’dik id-distanza. Jghid li kienu xi tlieta jew erbgha vetturi l-boghod.

Ix-xhud fl-10 ta’ Jannar, 2013 rega’ xehed fl-atti tal-kumpilazzjoni u jghid illi nesa meta kienet id-data ezatt ta’ l-incident pero’ jaf li kien Lulju, 2010. Jghid illi hu kien riekeb quddiem ma’ Mariano D’Amato u l-vettura kienet Hyundai Accent. Jghid illi hu jiftakar li kienu nezlin qishom gejjin minn Hal Far ghal Gudja. Jghid li hargilhom Jeep u kif ra hekk, ix-xufier kiser fuq in-naha tal-lemin biex jaqlaghha, ghafas *break* ghax resaq l-iehor quddiemhom. Jigifieri x’hin mar biex jaqilghu qisu kien ghadu naqra ‘l boghod, izda ma jafx ghala tal-*Jeep* rega’ resaq quddiemhom u sar l-incident.

Jghid illi bhala *speed* hu ma harisx lejn l-*ispeedometer* u ghalhekk ma jafx, pero’ bil-mod ma kienux ghaddejjin, kienu ftit mcaqalqin. Jghid illi hu ma sofriex griehi hlief ftit tas-*seatbelt.*

In kontro-ezami jghid illi minn fejn harget il-Jeep kien hemm *stop sign* mal-art, u jghid illi qabel il-habta hu qatt ma rahha wieqfa u baqghet hierga. Jghid li huma kellhom dawl u anke tal-Jeep kellu. Jghid illi wara l-incident l-imputat hareg mill-karozza u qallu ‘*ara x’ghamiltli’* u l-iehor, forsi anke minhabba x-xokk qallu ‘*iva l-ewwel it-tifla*’.

Jghid illi hu jaqbel ma l-istqarrija li hu ta lil pulizija dakinhar ta’ l-incident. Jghid ukoll illi jaqbel li fl-istqarrija jghid illi kienu ghaddejjin b’aktar minn tmenin (80) fis-siegha.

Jikkonferma illi qabel l-incident kienu gejjin minn Birzebbugia, mill-Envy Bar fejn kienu qed jiehdu drink. Jghid illi minn hemm hadu drink wiehed biss u qabel kienu Wied iz-Zurrieq u hadu zewg *drinks*.

Jghid illi l-bar ta’ Wied iz-Zurrieq jismu Deep Bar. Jghid illi huma kienu hemm ghall-habta tas-saghtejn u nofs. Jghid illi l-incident kien gara fl-ghaxra ta’ fil-ghaxija (22:00hrs) u ghalhekk kienu qed jixorbu tmien (8) sieghat qabel.

**Peter Zahra** xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem l-eseperti teknici a tempo vergine tal-investigazzjoni u dan wara li kien inghata t-twissija skond il-ligi li kellu kull dritt ma jwegibx ghal xi domandi jekk b’xi risposta seta’ jinkrimina ruhu. Spjega illi fl-4 ta’ lulju 2010 huwa kien qatta ftit hin tal-mistrieh mal-familja tieghu Hal Far. Kien mal-mara tieghu Pauline u bintu Nicole. Jghid li damu hemm sal-ghaxra u kwart ta’ bil-lejl (10.15 p.m.). Jikkonferma li fil-vettura tieghu kienu huma t-tlieta biss. Huwa kien isuq, martu quddiem ma’ genbu u bintu fuq wara. Jispjega li appena waslu hdejn l-airport waqaf hares fuq in-naha tax-xellug tieghu u ra vettura gejja mill-boghod hafna. Jghid li huwa midhla ta’ dawk l-ekwati ghax ghandu l-ghelieqi hemm u jghaddi ta’ sikwit. Hareg minn fuq l-istop sign bil-*first gear* u appena hareg u mar fuq il-karreggjata l-ohra, jaqla’

daqqa fuq il-wara tal-vettura b'konsegwenza li l-vettura daret u spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jghid li ma jafx li wara l-habta laqat il-*crash barrier*. Jghid li lil bintu mill-vettura harigha hu. Mistqosi jekk kienx xorob dakinhar jghid li le ma kien xorob xejn. Jikkonferma li l-vettura tieghu hija koperta bi polza ta' sigurta' ma' Citadel Insurance.

Huwa xehed fil-kumpilazzjoni nhar l-14 ta' Frar, 2013. Jghid illi l-Qorti taghtu t-twissija skont il-ligi u hu ghazel li jixhed. Jghid illi huma kienu fl-ghalqa tieghu, hu, martu u bintu Nicole. X'hin telqu minn hemm kienu xi l-ghaxra. Kif waslu fit-triq Hal-Far kellhom incident tat-traffiku. Jghid illi hu kien waqaf fl-*istop sign* u ra li kienet gejja karozza, kienet il-boghod hafna u kien ghadu kif fegg fin-nizla u hu hareg bil-kumdita'. Jghid illi hareg fuq il-*first gear* imbaghad tah is-*second gear* u wara li hareg sehh l-incident. Hass daqqa u mbuttahom 'il quddiem u daru bil-karozza.

Jghid illi wara dan hu tela' fuq wara ghax kellhom it-tifla hemmhekk u taghha lil martu. Il-bibien ma setghux jinfethu tal-karozza. Wara li hareg mill-karozza, il-mara taghtu lit-tifla u dan kien biha fit-triq.

Jghid illi dak il-hin kien hemm tfajla u qaltlu li hija *fist aider* u taghha lit-tifla. Talbitu xi haga biex taghmilha taht u mar gabilha xugaman. Wara hu mar jiftah lil martu, sa dak il-hin lit-tifla ma ralha ebda griehi, izda kienet mitlufa minn sensieha. Jghid illi wara giet l-ambulanza u hu mar maghha l-isptar. Jghid illi t-tifla qatt ma tkellmet, lanqas go l-ambulanza u jghid illi baqghet ma tkellmitx sakemm mietet. Jghid illi x'hin kien bit-tifla f'idu hu ra dak li habat mieghu u qallu "*x'ghamiltli qtiltli lit-tifla*" imma daqsek biss qallu.

Jghid illi kienu diga' fil-*lane* taghhom meta martu qaltlu '*il-Madonna dan kif inhu gej*!'. Jghid illi r-raguni ghaliex hu gibed lejn il-lemin biex hu jibqa' ghaddej fis-*side* tieghu, izda ma lahaqx ghamel hekk.

Jghid illi qabel id-daqqa ma semghax hsejjes ohra, tad-daqqa biss. Jghid illi qabel huma kienu go l-ghalqa, biex it-tifla tkun tista' tilghab.

Jghid illi dik it-triq juzaha hafna drabi. Meta huwa gie biex johrog u kellu d-dawl mixghul u t-triq hija mudlama minhabba l-airport. Jghid illi meta hares lejn ix-xellug ra karozza fil-boghod kif tfegg in-nizla kien ghadu 'l boghod hafna.

Jghid illi l-vettura kienet ghadha *top of the hill* speci. Jghid illi hu hareg normali u hareg bil-*first gear*, wara taha s-*second* izda ma jiftakarx tahiex it-*third*. Jghid illi sakemm gie biex johrog mit-triq hu kien forsi dam sekondi u d-daqqa tieghu kienet fuq wara tal-*Jeep, head on* fuq wara.

Jghid illi meta gie jkellmu l-pulizija dak il-hin hu kien wiegbu li issa mhux hin. Jghid illi jekk staqsieh xi haga u wiegbu lanqas jaf x'qallu. Jghid illi l-ghada t-tnejn kien mar xi hadd l-isptar u ma kienx bl-uniformi u kien ghamel l-istqarrija hemm.

**Peter Zahra** in kontro-ezami xehed fit-2 ta' Dicembru, 2014. Jghid illi meta hu ra l-karozza u qal li kienet il-boghod jghid illi effettivament ghadha 'l boghod din kienet xi 230 jew 250 metru. Bhala *speed* ma jistax jghid ghaliex kienet il-boghod hafna. Jghid illi qabel ma hareg biex idur lejn il-lemin tieghu hares kemm fuq ix-xellug u anke lejn il-lemin. Jghid illi qabel ma hareg hares fuq ix-xellug tieghu u meta hareg min nofs it-triq ried ihares il-quddiem. Jghid illi mhux minnu meta hu hareg mill-*istop sign* dar lejn ix-xellug, hu kellu jaqsam it-triq kollha biex idur lejn il-lemin. Jghid illi huwa minnu li meta hu ried idur lejn il-lemin mar fuq il-lane l-ohra u ghalhekk tigi fuq ix-xellug tat-triq. Jghid illi kif qabad is-*side* tieghu u ghalhekk kien diga' direzzjoni lejn il-Gudja, dak il-hin il-mara tieghu qaltlu "*ara Madonna kif inhu gej*!" u ftit sekondi wara gie milqut minn wara, bdew iduru u ghalhekk l-incident sehh fil-karreggjata int u sejjer lejn il-Gudja.

Spjega li l-wara tal-Maruti tieghu hija ncirata u jghid illi s-*seats* jinsabu fil-genb fuq il-*wheel arch*. Fuq wara ma kellux *seatbelts* lanqas u dan ghaliex il-Maruti fuq wara ma tiehux seatbelts. Huwa minnu li minn fejn hareg hu ma jafx jekk hemmx *stop sign* jew le, pero' jaf li xorta waqaf.

**Pauline Zahra** mart is-sewwieq Peter Zahra xehdet fl-atti tal-inkjesta u qalet li appena zewgha wasal hdejn it-triq tal-ajruport waqaf ihares u meta kienu wieqfa rat il-vettura l-ohra l-boghod hafna. Taf li appena hareg sehhet il-habta u ma tiftakar xejn aktar salv li bdiet tghajjat u twerzaq u ma tafx kif harget mill-vettura.

Ix-xhud regghet xehdet fil-kumpilazzjoni nhar l-14 ta’ Frar, 2013. Tghid illi dakinhar nizlu l-ghalqa, kien il-Hadd u kienu xis-sitta. Kienu l-ghalqa, hi zewgha u t-tifla. Tghid illi kien l-ghaxra x’hin kien dalam u ddecidew li jmorru d-dar. Tiftakar illi ghaddew minn triq il-Qoton, jigifieri li hija trejqa bejn l-ghelieqi, waqfu fuq *stop sign* biex johorgu ghat-triq principali, x’hin qalghu minn fuq l-*istop sign*, huma qalghu komdi. Hargu komdi fis-sens li l-karozza kienet ghadha l-boghod.

Tghid illi f’hin minnhom ma tafx ghala darhet fuq il-genb u qalet ‘*Il-Madonna kif inhu gej dan*!’ kienu ga qabdu mixjien bicca fuq il-*lane* tan-naha tax-xellug. Tghid illi dak il-hin ma tafx x’beda jigri, bdiet thoss qisu l-karozza qed iddur sakemm waqfet sobbtu wara certu hin.

Tghid illi meta gara dan il-karozza kienet diga dritta u mxew bicca, ma tiftakarx kemm il-bicca kienu mxew. Tghid illi hi s-suq u timmagina li dak il-hin kienu fuq it-*third gear*.

Tghid illi dak il-hin ma kienx hemm *radio* mixghul u t-temp kien bnazzi. Tghid illi l-vettura hi ratha, min-naha tax-xellug taghha peress li bla ma trid tibda thares ‘l hemm u ‘l hawn. Tghid illi dawl kien hemm izda mhux dawl qawwi, minhabba li vicin l-airport. Tghid illi d-dawl tal-vettura taghhom kien normali.

Tghid illi wara l-incident, ma tafx x’gara ghax kellha genn kbir fuqha. Hi bdiet tghajjat lit-tifla izda ma bdietx twegibha. Tghid li t-tifla gabarha r-ragel minn wara u tahielha f’idha. Tghid illi wara newwlithielu ghax ir-

ragel hareg. Tghid illi tiftakar li kien hemm tfajla ghaddejja dak il-hin qaltilhom li kien jisimha Karen u kienet hemm ma l-gharus taghha. Tiftakar ukoll li tawha xugaman. Din kienet qaltilhom li t-tifla ghadha tiehu nifs.

Tghid illi lilha ma hallewhiex titla' ghax kienet qed tghajjat u twerzaq imma mbaghad spiccat l-isptar xorta. Rigward jekk kellimhomx pulizija tghid li kien mar l-ghada l-espert tal-Qorti l-isptar u kellimhom hemmhekk.

Tghid illi mill-4 ta' Lulju sas-16 ta' Lulju sakemm damet it-tifla l-isptar huma baqghu l-isptar, sakemm mietet it-tifla. Huma kienu joqghodu hemm hdejha l-ITU.

Tghid illi qabel gara l-incident huma kienu l-ghalqa. Ma kienux xorbu, jiehdu kafe u daqshekk. Kienet tiehu gost it-tifla li kienu jmorru hemmhekk.

**Dr. Michael Spiteri MD** xehed fl-14 ta' Frar, 2013 u jghid illi fil-file nstabu xi *entries* ta' meta' t-tifla Nicole kienet zghira izda mhux fuq l-incident ta' l-4 ta' Lulju 2010. Jghid illi hu ma jiftakarx l-incident u ghalhekk sakemm ma jarax bil-miktub ma jiftakarx jekk rahiex jew le.

**Brian Farrugia** xehed fis-27 ta' Mejju, 2013 u rrepeta dak li kien qal ix-xhud Sephen Cachia ghan-nom ta' Transport Malta pero' zied jghid li l-vettura Hyundai HAP-559 giet skrepjata fis-26 ta' Lulju 2012.

Rigward il-vettura numru ta' registrazzjoni HAP 559 jghid illi ma saritx talba biex tinbidel il-magna, jghid illi l-magna li harget biha mill-agent, u ma kien hemm ebda talba. Ic-cilindrata kienet 1341 CC, magna Petrol.

Mistoqsi jekk il-vetturi kellhomx b'polza ta' assigurazzjoni jghid illi rigward din il-vettura numru ta' registrazzjoni HAP 559 jghid illi din kienet inxurjata ma' Fogg Insurance Agency u din kellha polza mahruga fl-10 ta' Awwissu 2009 biex tkopri l-perjodu ta' bejn l-ewwel ta' Settembru 2009 u 31 ta' Awwissu 2010, il-polza, numru 06931PRI990745.

Fil-waqt li l-vettura l-ohra bin-numru tar-registrazzjoni LAD 224 din kienet mahruga fid-9 ta' Dicembru 2009 biex tkopri l-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010 u l-assigurazzjoni kienet Cordina Insurance Agency u l-polza kellha n-numru ta' 02980836. Huwa esebixxa dokumentazzjoni li giet immarkata bhala **DOK. BF 1.**

**Profs. Marie Therese Camilleri Podesta u Dr.Ali Salfraz** xehdu fl-20 ta' Frar, 2014 u kkonfermaw ir-rapport taghhom esebit fl-atti tal-proces verbal Dok RB 1 a fol 17 u 18. Ikkonfermaw illi l-kawza tal-mewt ta' Nicole Zahra huwa certifikat li kienet '*Fractured Skull' u 'intracaranial haemorrhage'* wara incident tat-traffiku.

In kontro-ezami jghidu illi l-kawza tal-mewt hija dik rappurtata lilhom. Jghidu illi fil-kors ta' l-investigazzjoni kien irrizulta illi t-tifla ma kienitx liebsa seat belt. Jghidu illi li kieku t-tifla kienet marbuta b'seat belt, is-seat belt ighin u ma kienetx tkun mixhuta min naha ghal ohra tal-Jeep. Jghidu illi kieku kienet marbuta b'seat belt xorta wahda kien ikollha xi tip ta' *injuries* ghaliex ir-ras qatt ma tkun marbuta b'seat belt.

Jghidu li pero' x'aktarx il-feriti kienu jkunu differenti. Dr. Ali Salfraz jghid illi ghalkemm fir-report hemm miktub illi t-tifla nstabtet min-naha ghal ohra tal-Jeep hija xhieda *hear say* izda l-fatt li kieku kienet marbuta b'seat belt kienet twegga inqas hija ipotesi.

Rat illi nhar il-16 ta' Frar 2013 l-Avukat Generali baghat l-artikoli u cioe l-Artikoli 17, 31, 225, 328(a), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15 (1) (a) (2) (3) u l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 91 (1) (b), 127(1) tal-legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-ligijiet ta'Malta, liema artikoli gew moqrija seduta stante nhar l-20 ta' Frar 2014 meta' l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 146).

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz nhar it-28 ta' April 2015 u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:-

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:-

1. Nhar l-4 ta' Lulju 2010 l-imputat li kien fil-kumpanija ta' Dorianne Farrugia u Dorian Bugelli kienu ghaddejjin minn Triq Hal Far, B'Bugia bil-vettura tal-ghamla Hyundai numru ta' registrazzjoni HAP 559. Dorianne Farrugia kienet riekba fuq wara waqt li Dorian kien quddiem ma' genb l-imputat is-sewwieq.
2. Jirrizulta li din hija triq principali u s-sewwieq kien ghaddej b'certu velocita ghall-habta tal-10.00p.m.
3. Jidher li Peter Zahra kien ghadu kemm hareg minn triq sekondarja bil-vettura tieghu tal-ghamla Maruti Jeep numru ta' registrazzjoni LAD 224 u mieghu fuq is-seat ta' quddiem kien hemm martu Pauline u fuq wara kien hemm bintu ta' ghaxar snin Nicole.
4. Jidher li qabel ma hareg ghat triq principali, Zahra kien ra l-vettura ta' l-imputat pero' jghid li kienet 'il boghod u kkonferma li kellha d-dawl mixghul pero' cio nonostante xorta hareg u esplora t-triq tant li kien gja qasam u kien fil-kareggjata tieghu meta ra li kien hemm il-vettura ftit il-boghod minnu li spiccat dahlet fil-parti ta' wara tieghu.
5. Jirrizulta li l-hsara fuq iz-zewg vetturi kienu estensivi u sfortunatament kagun ta' dan l-incident awtomobilistiku Nicole Zahra tilfet hajjitha.

Illi bhal fatti ma jidhirx li huma kontestati huma d-dettalji li jidher li hemm xi inesattezzi. Il-prosekuzzjoni tallega li l-imputat kien ghaddej bi velocita qawwija u l-avukat difensur tal-parte civile donnu allega li s-sewwieq kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb. Waqt li l-avukat

difensur ta' l-imputat jghid li l-incident sehh peress li Zahra hareg minn fuq *stop sign* u ostakola t-triq ta' l-imputat billi holoq *emergenza subitanea* lilu tant li s-sewweiq Zahra biddel il-karreggjata sabiex jevita lill-imputat li kien gej minn warajh pero' cio nonostante l-impatt sehh xorta.

Is-sewwieq imputat involut f'dan l-incident, Mariano D'amato, kien ghaddej fil-"*main road*" u kwindi kellu d-dritta. Kwindi biex l-istess sewwieq D'amato jitqies li hu ukoll responsabbli ghall-incident, l-imputat irid jipprova tali responsabilita'. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Tarcisio Scicluna v Kevin Magro**" tal-24 ta' Mejju 2006 tghid li '*.ma jfissirx illi min ikun fit-triq principali huwa dispensat mil-obbligu ta' kull road user li juza d-dilgenza mehtiega fis-sewqan." 'Huwa m'ghandux ghal daqshekk u bhala tali xi brevet ta' immunita minn kwalunkwe responsabilita' f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user*."

Dejjem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Giuseppa armla minn Michelangelo Bonnici pro et noe vs Massimiliano Felice**" - 15 ta' Jannar 1971 – fejn intqal '*il-main road user m'ghandux garanzija ta' innocenza, u lanqas ma ghandux xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix minnha wkoll*."

Li jirrizulta mill-atti, mix-xhieda u mill-iskizz tal-perit tekniku Richard Aquilina l-imputat kien qed isuq fi triq principali fi triq b'vizwali twila fiz-zewg direzzjonijiet. Zahra kien hareg minn triq laterali ghal fuq triq principali fejn hemm stop sign f'tarf l-imsemmija triq.

Skond il-Highway Code, l-**artikolu 91** jipprovvdi li: “*Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road*".

L-**artikolu 84** jghid: “*Use extra care at junctions and intersections. **STOP at STOP SIGNS***”.

Kif inhu risaput fil-gurisprudenza in materja. Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li: "*Is-‘side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhu li jista johrog bla hsara*”."Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. (Ara App.Civ. M**ag. A.Stagno Navarra vs N.Saliba** Vol XLV p1 p 389; **Il-Pulizija vs G. Buttigieg et** Vol XLV11 p4 p1198; VOl XLV1 p1 p 112; **Camilleri vs Dimech** App Civ. 27.7.91; **Portelli vs Spiteri** PA/JSP 16/12/93; PA **Gauci Maistre vs Galea** 22.2.94 JSP).

Id-dover tas-*side road user* hu li dan “*irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux*". *Side road user* ma jistghax johrog go *main road* bl-izgiccaturi. App.Krim **Pul vs G.Galea** Vol 37 p 1108 "*Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma*

*jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox*". App Civ. **H.Farrugia vs R.Ripard**. 15.2.74.

Illi ghalhekk a bazi tal-enuncjazzjonijiet fuq imsemmija jidher li kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile ghandhom xi jwiegbu fis-sewqan taghhom.

Illi pero' huwa l-imputat biss li huwa akkuzat quddiem din il-Qorti u ghalhekk il-Qorti ghalhekk hawn tistaqsi, x'inhuma l-obbligi tas-sewwieq fil-posizzjoni tieghu? Ir-risposta tohrog direttament mill-Ligi u sejatament mill-artikoli 225 u 226 tal-Kap 9 tal-Ligiijiet ta' Malta. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dawn odjerni, li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-hamsa ta' Settembru, 1990 dik il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi.

*"In succint fuq skorta ta' awturi il-gurisprudenza citata, t-trepid tal-kolpa gie definit bhala:*

*a. la volontarieta del'atto;*

*b. la mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*c. la possibilita di prevedere."*

Illi minn ezami tal-**artikolu 15 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe mill-Ordinanza tar-Regolamenti tat-Traffiku, jirrizulta li huwa reat min isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

Dwar dan l-artikolu tal-ligi, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju 1997, fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Alfred Mifsud** qalet hekk:

*"Sewqan tarskurat (negligent driving) huwa kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont huwa deskritt fis-sub artikolu tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan bi traskuragni kbira. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta'*

*traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu r-riskju fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*<u>Sewqan Perikoluz</u> (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari is-sewqan kien ta' periklu ghal terzi jew ghall-propjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."*

L-imputat dak in-nhar ta’ l-incident kien hareg mal-hbieb u kien sahanstira anke ha xi xorb alkoholiku matul dak in-nofs ta’ nhar ta’ qabel l-incident. Ma hux provat li effettivament kien fis-sakra pero’ zgur li jirrizulta li kien ha xi erba’ drinks u dan stqarrewh il-passiggiera li kienu mieghu. Jidher ukoll li l-imputat ghalkemm kien qed isuq fi triq principali kien qed isuq b’mod eccessiv. Fil-fatt skond l-espert nominat mill-Qorti PL Mario Buttigieg huwa kkonkluda li l-imputat kien qed isuq b’velocita ta’ 147.67 km f/s (fol. 61) li zgur huwa velocita mhux accettabli.

Jghid li huwa wasal ghal dan l-*ispeed* wara li ghamel xi test xjentifiku fuq il-post liema test ma giex kontradett. Ix-xhieda li kienu rikba mal-imputat ukoll jghidu li l-imputat ma kienx qed isuq bil-mod. Apparti

dan it-test xjentifiku li sar jirrizulta wkoll li l-habta kienet wahda vjolenti u qawwija. Mill-indagini li saret fuq il-post li ukoll mhix kontradett irrizulta b'mod car li meta l-Hyundai habtet mal-Maruti, bid-daqqa l-istess vettura u cioe' l-Maruti habtet fis-centre strip u spiccat thares in-naha l-ohra. Il-post tal-impatt tal-vettura jindika li l-istess vettura imxiet disa u ghoxrin punt hamsa (29.5) metru 'l boghod minn fejn gie stabbilit l-*ispot of impact*. Illi min naha l-ohra l-vettura Hyundai baqghet miexja ghal distanza ta' sitta u ghoxrin punt hamsa (36.5 m) il-metru qabel ma waqfet u dan hu zgur indikattiv ta' speed qawwi li kellu l-imputat.

Issa skont il-gurisprudenza:

'*Speed jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.*' (**Il-Pulizija versus R Bugeja**) (Ara referenza fil-Volum LXXXVII Part IV 2003 paġina 239).

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fid-disgha ta' Gunju, 1962 fil-kawza fl-ismijiet I**l-Pulzija vs Anthony Portelli** fejn kien gie deciz li:

*"Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi zzejjed.... imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed u s-sinistru kienx hemm in-nexus ta' kawza prossima w immedjata."*

Għal dik li hija dottrina dwar is-sewqan, din il-Qorti qed tirriferi għal dak li qalet din il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza '**Il-Pulizija versus Noel Gauci'** tal-25 ta' Marzu, 2004. Qed taghzel din is-sentenza minħabba li fiha rassenja tajba tal-gurisprudenza dwar il-punti legali li jolqtu dan il-kaz.

'Illi ġie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. **Pol. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59; **Pul vs. Wilson** , [Vol. XXXIX , p.1018]; **Pul. vs. Alfred Vella**, [Vol. XLIV, p. 933 u oħrajn]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom – l-agħar is-sewqan perioluż (**App. Krim. Pol. vs. Hardingham** ,[ 19.10.63]). Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim. **Pol. vs. Charles Farrugia**, [Vol. XXXIX , iv. p.1018]). "*Recklessness" ġiet definita bħala "wilfully shutting one's eye*" (App. Krim. "**Pul vs. Joseph Aqulina**" [ 20.4.63]). Sewqan negliġenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [ Vol. XLIV. iv . p.892].

Tali velocita' kienet definittavament il-fuq mill-"ispeed limit" ghaz-zona in kwestjoni, u l-istess velocita' bla dubju kkontribwiet biex sehhet il-kollizjoni. Il-fatt li D'amato kien ghaddej b'velocita' zgur eccessiva jista' jiggustifika ghala s-sewwieq D'amato ma setax jevita lil sewwieq l-iehor il-parte civile Zahra u b'hekk ukoll sehh l-incident. L-istess D'amato lanqas kellu l-opportunita' li almenu jnaqqas il-

velocita' biex b'hekk jimminimizza l-effett tal-impatt u l-eventwali danni, li, in effett, jidher li kienu sostanzjali. Il-karozzi misjuqa minn kemm minn D'amato kif ukoll minn Zahra gew meqjusa li kienet "total loss" bil-hsarat li garbu bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni.

Il-Qorti tkompli u tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view*". (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara,*

*ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout*" (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla**" [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*" "**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

Illi jirrizulta bic-car anke minn dak li qal Peter Zahra u martu Pauline li huma raw lill-imputat gej bid-dawl mixghul fuq triq principali pero' hasbu li kien 'l boghod u li ghalhekk setghu johorgu liberament qabel ma l-istess imputat jasal hdejhom u ghalhekk huwa probabbli li Zahra ma esplorax sew it-triq qabel kompla jaqsam, pero certament dan ma jesonerax lill-imputat mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort uniku ta' terza persuna. (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri**" [16.3.1961]; "**Il-**

**<u>Pulizija vs. John Polidano</u>**" [3.11.1963] "**<u>Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud</u>**" (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"*contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **<u>Il-Pulizija vs P.Vassallo</u>**", [Kollez.Vol.XXXVII, iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-parte civile, dan jista' biss, ghal massimu, iservi ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Anthony Spiteri:</u>**

*"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."* Il-Qorti osservat "*ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' <u>disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati</u>.*" (sottolinjar ta' din il-Qorti). Ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan tal-imputat certament jista' jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti tqis illi l-parte civile kien negligenti fis-sewqan tieghu u saq b'nuqqas ta' kont meta ma zammx dik il-*proper lookout* rikjesta mil-ligi u dana ghaliex ghalkemm ra lill-imputat gej mill-boghod xorta dehrlu li kellu johrog minn triq sekondarja u jostakola t-triq libera ta' l-imputat dawn il-fatturi wahedhom messhom wasslu lill-parte civile sabiex joqghod iktar attent ghal dak li kien qed jigri madwaru.

Illi huwa fatt stabbilit fil-ligi penali illi n-negligenza kontributorja tal-vittma ma tezonerax lis-sewwieq mir-responsabbilta' kriminali. Illi fis-sentenza "I**l-Pulizija vs David Rigglesford,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-31 ta' Mejju 2005 gie deciz "*It is the duty of any driver of a vehicle on land – and equally of the person steering any kind of sea craft – to see what is in plain view*" (Criminal Appeal: **The Police vs Joseph Vella** 10.08.1963) *and if a person fails to see what should have been clearly visible, it means that he was not keeping a proper lookout* (Criminal Appeal: **The Police vs J.M. Laferla** 17.06.1961)"

Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Sylvester Tabone vs Carmen Abela** nhar il-25 ta' Novembru 2003 fejn dik il-l-Qorti tistqarr is-segwenti ghar-rigward tal-kuncett tan-negligenza kontributorja fil-kamp penali:

"*In criminal proceedings the contributory negligence of the victim does not absolve the person causing the damage, bodily harm or death*

*from criminal responsibility unless it is the only cause of that accident. However it may be taken into account for the purpose of punishment*".

Illi ghalhekk meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-parte civile

f'dana l-incident ikkontribwixxa ghas-sinistru bin-nuqqas ta' attenzjoni tieghu. Illi inoltre, kif diga inghad, mill-atti processwali is-sewqan ta'l-imputat ghandu jigi kkunsidrat bhala traskurat, u bla kont u perikoluz u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex bhala parti mill-piena tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan ta' l-istess imputata.

In finis jinghad ghalhekk li f'dan l-incident sfortunat huma responsabbli kemm l-imputat li saq b'manjera perikoluza u eccessiva minkejja li kien ghaddej fuq triq prinicpali u l-parte civile ghalkemm f'proporzjon izghar ghaliex qabad u hareg minn triq sekondarja bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali u cioe' l-Artikoli 17, 31, 225, 328(a) 532A u 533 tal-Kapitolu 9; l-Artikoli 15 (1) (a) (2) (3) u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 91 (1) (b) u 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tiddikjara l-akkuzi dwar sewqan b'velocita' eccessiva u talli biddel il-magna tal-vettura HAP 559 minghajr l-approvazzjoni necessarja tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta bhala preskritti ai termini tal-artilkolu 688(f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-**

**akkuzi u ssib lill-imputat MARIANO D'AMATO hati tal-akkuzi l-ohra u komplessivament tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin stante l-kontributorjeta tal-parte civile u tikkundannah ihallas multa ta' elfejn ewro (€2000).**

**Oltre dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tikkundannah sabiex ihallas l-ispejjez involuti fl-inkjesta li saret in konnessjoni ma' dan l-incident awtomobilistiku liema process verbal jinsab inserit fl-atti odjerni ta' din il-kawza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jigbor dawn l-imsemmija spejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------